28 ta' Jannar, 1949.

Imħallfin :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Dr. George Vassallo, ne. *versus* Emmanuele Camilleri ne.

**Bejgh — Apertura ta' Kreditu — Terminu — Konsenja — "Delivery" — Klawsola F.O.B.**

*Il-ftuħ ta' kreditu mhux ħlief "modus executionis" favur il-venditur, li għandu joqgħod għall-kondizzjonijiet apposti għall-kreditu. Imma jekk il-kondizzjonijiet tal-bejgħ jiġu osservati, u ma jiġux osservati xi kondizzjonijiet magħmula fl-apertura tal-kreditu, finnuqqas ta' patt esplicitu f'sens kuntrarju, il-bejgħ jibqa' jseħħ u jaqa' biss id-dritt tal-venditur li jitħallas minn dak il-kreditu.*

*L-iskadenza tat-terminu tagħti lill-kumpratur id-dritt li jirrifjuta l-merkanzija fil-każ biss li kien miftiehem żmien għall-konsenja tal-merkanzija u din ma ġietx konsenjata fiż-żmien stabbilit. Dana d-dritt però ma jikkompetix lill-kumpratur meta ż-żmien kien miftiehem għad-"delivery", jiġifieri meta l-merkazija għandha tkun lesta mill-fabbrika biex imbagħad titgħabba għall-ispedizzjoni.*

*Meta l-karikazzjoni ssir F.O.B., il-venditur jiġi liberat mir-responsabilità malli huwa jikkonsenja b'mod definitiv il-merkanzija lill-karikaturi, u minn dak il-mument il-proprjetà u l-perikolu tal-merkanzija jgħaddu fuq ix-xerrej. Imma dan il-prinċipju mhux applikabili għall-finijiet tax-xoljiment tal-bejgħ jekk ma jkunx sar patt espliċitu u ċar illi l-karikazzjoni kellha ssir sa ġurnata determinata.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur nomine quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu, fejn talab il-kundanna tal-konvenut nomine għall-ħlas tas-somma ta' £435. 14. 10 prezz ta' 500 ħadida elettrika skond fattura numru 9205 tat-2 ta' Lulju 1946 u tratta a vista, annessi maċ-ċitazzjoni—merkanzija li tinsab għad-dispożizzjoni tal-konvenut nomine f'depożitu tad-Dwana; bl-imgħax u bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn issottometta illi l-merkanzija ma ġietx spedita fiż-żmien konvenut u l-merċi m'hijiex skond il-fattura;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu tat-23 ta' April 1948, fejn laqgħet it-talba bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi mill-korrispondenza eżibita jirriżulta ċar li d-ditta attriċi wegħdet biss il-konsenja tal-ħdejjed fi Frar mill-fabbrika, biex wara jiġu spediti għal Malta; illi l-konvenut kien ippropona illi ssir anki spedizzjoni parzjali, u d-ditta attriċi bl-ittra tas-26 ta' Frar 1946 infurmat lill-konvenut li kienet irċeviet mill-fabbrika 500 ħadida u li rreġistrathom għall-ispedizzjoni bil-bastiment, u talbet apertura ta' kreditu irrevokabili sa l-aħħar ta' April—ħaġa li ġiet aċċettata mill-konvenut, li fis-7 ta' Marzu fetaħ dak il-kreditu validu sal-15 ta' Mejju 1946, u għamel il-kondizzjoni illi l-polizza tal-kariku kellha ġġib id-data mhux iżjed tard minn April 1946;

Illi fil-fatt il-merkanzija ġiet imgħobbija fis-7 ta' Mejju fuq il-vapur "Ponderian", li telaq minn l-Ingilterra fis-16 ta' Mejju 1946 u wasal Malta fis-26 ta' Mejju;

Illi l-konvenut fis-7 ta' Mejju ikkanċella l-ordni b'ittra li waslet għand id-ditta attriċi meta l-merkanzija kienet diġà mgħobbija fuq il-bastiment, u għalhekk id-ditta attriċi rrifjutat tikkanċella l-ordni; illi in kwantu għall-pretensjoni illi l-ħdejjed ma għandhomx "earth connection", kien hemm ekwivoku, għax il-konvenut ma fehemx illi meta akkonsenta għal 2 "core flex", flok 3, impliċitament aċċetta l-ħdejjed mingħajr "earthing terminal";

Illi in kwantu għar-ritard, illi d-ditta attriċi qatt ma impenjat ruħha għall-ispedizzjoni fi żmien definitiv, għax fi Frar kellha tirċievi l-merkanzija mill-fabbrika biex imbagħad tirreġistraha u tibgħatha hawn Malta kemm jista' jkun kmieni, ħaġa li ġiet eżegwita; il-patt illi l-konvenut kien għamel illi l-ispedizzjoni kellha ssir mhux iżjed tard minn Frar waqa', meta għadda Frar u l-konvenut kompla n-negozju u fetaħ kreditu validu sal-15 ta' Mejju;

Illi veru illi d-ditta attriċi ppromettiet l-ispedizzjoni mhux iżjed tard minn April 1946, għax talbet il-ftuħ tal-kreditu validu sa dik id-data, u l-konvenut fetaħ il-kreditu bil-kondizzjoni illi l-karikazzjoni kellha ssir sa l-aħħar ta' April, għalkemm ħalla l-kreditu validu sal-15 ta' Mejju; iżda l-ftuħ tal-kreditu

irrevokabili mhux ħlief "modus esecutionis" favur il-venditur li għandu joqgħod għall-kondizzjonijiet apposti għal kreditu;

Illi meta l-kondizzjonijiet tal-bejgħ jiġu osservati, u għall-kuntrarju ma jiġux osservati xi kondizzjonijiet magħmula fl-apertura tal-kreditu, fl-assenza ta' patt espliċitu fis-sens kuntrarju, il-bejgħ jibqa' jseħħ, u jaqa' biss id-dritt tal-venditur li jitħallas minn dak il-kreditu. Fil-fatt għall-konklużjoni tal-bejgħ ma ġiex miftiehem l-ebda terminu għall-ispedizzjoni tal-bastiment; u meta jiġi kunsidrat l-ispazju bejn l-aħħar ta' April għas-7 ta' Mejju u d-diffikultajiet marittimi fiż-żminijiet tal-lum, ma jidherx li kien hemm żmien biżżejjed li seta' jagħmel differenza importanti u prattika; u għalhekk il-konvenut mhux ġustifikat jirrifjuta l-merkanzija;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u t-talba ta' l-attur tiġi respinta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravam ta' l-appellanti huwa illi skond il-korrispondenza li saret bejn il-partijiet l-imbarkazzjoni tal-merkanzija kellha ssir l-aktar tard fl-aħħar ta' April 1946, mentri rriżulta li saret fis-7 ta' Mejju meta t-terminu kien għalaq, u għalhekk peress li kien konvenzjonali, meta għalaq u skada, irsolva l-kuntratt. Il-kwistjoni għalhekk għandha tiġi mpernjata fuq dan il-pont: (1) jekk kienx hemm dan it-terminu; (2) jekk kien hemm dan it-terminu, għal liema obligazzjoni kien qiegħed miftiehem; (3) u l-iskadenza tiegħu liema effetti ġġib;

Illi kien hemm terminu ma jistax wieħed jiddubita; għaliex għall-ewwel ġie offert u aċċettat illi d-"delivery" kellha ssir "in about 3/4 months"........... Għalhekk dak it-terminu kien sa Frar 1946. Imbagħad, peress illi ż-żmien kien daħal u d-"delivery" ma kienx sar, l-appellant kien baqa' jinsisti biex il-merkanzija tiġi spedita, u skond l-ittra tas-26 ta' Frar 1946, meta d-ditta attriċi rat l-impossiblità ta' l-ispedizzjoni tal-merkanzija fix-xahar ta' Frar........... l-istess ditta qalet lill-konvenut nomine illi "we have pleasure in advising you that the above goods have now been registered for freight, and we shall

be obliged if you will be good enough to open an irrevocable letter of credit payable in London, to the amount of £435, expiry 30th. April 1946". B'din l-ittra d-ditta attriċi evidentement riedet tagħti x'jifhem lill-konvenut illi, peress ir-regisrazzjoni għal "freight space" saret fis-26 ta' Frar 1946, l-ittra tal-kreditu kien *ikollha żmien biżżejjed, għall-ħlas tal-flus*, sa l-aħħar ta' April. Effettivament fis-26 ta' Frar 1946 id-ditta attriċi *kitbet lid-ditta* "Hogg, Robinson, Capel-Ore"........... u fil-klawsola 5 hemm miktub "please register consignment for early shipment"........... Effettivament il-konvenut fl-14 ta' Marzu 1946 fetaħ mal-Westminster Bank, Ltd. ittra ta' kreditu, fejn fl-ewwel klawsola........... "not later than April 1946". Jingħad ukoll illi "credit expires on 15th. May 1946", għaliex huwa evidenti illi bejn id-data tal-karikazzjoni u dik tal-ħlas *effettiv għandu jkun hemm xi intervall;*

Minn dan jidher illi ġiet iffissata dik id-data sa l-aħħar ta' *April 1946;*

Tikkunsidra;

Illi fuq in-natura ta' dana t-terminu...........iż-żmien hemm ismemmi ta' "3/4 months" kien għad-delivery".........;

Fl-ittra tal-31 ta' Jannar 1946 id-ditta attriċi qalet :— "We have now received a letter from the manufacturers of the irons, who inform us that..........." F'din l-ittra l-pożizzjoni ġiet ċarata, għaliex........... *Vwoldiri illi dik il-kelma* "delivery" kienet qiegħda tiġi użata għall-konsenja tal-merkanzija minn għand il-"manufacturers", meta tkun lesta għall-ispedizzjoni, u wara jsir ix-"shipment immediately". Bl-ittra tas-26 ta' Frar 1946 id-ditta attriċi qalet illi "above goods have now been registered for freight space", u talbet l-apertura ta' kreditu "payable in London to the amount of £435 expiry 20th. April 1946". Dan it-terminu huwa qiegħed għall-apertura tal-kreditu, peress illi f'dak iż-żmien id-ditta attriċi kienet taħseb illi l-merkanzija tiġi "shipped" wisq qabel dak iż-żmien. Imbagħad kien hemm l-ittra tal-kreditu fuq imsemmija fejn hemm "full set clean on board bills of lading and blank endorsed not later than April 1946";

Minn dan jidher illi d-"delivery" kellu jsir sa l-aħħar ta' April 1946 u li x-"shipment" sa dik id-data kellu jkun effet-

twat. Fuq l-ewwel operazzjoni kien dak it-terminu żgur stabbilit, mentri fuq it-tieni operazzjoni tal-karikazzjoni, peress din ma kienetx tiddependi mid-ditta attriċi, iżda minn eventwalitajiet estranei għaliha, kif irriteniet l-Ewwel Qorti, għall-karikazzjoni ma kienx hemm veru terminu li bih id-ditta attriċi kienet taħseb li x-"shipment" effettivament ikun sar;

Tikkunsidra;

Illi fuq l-effetti ta' l-iskadenza ta' dak it-terminu l-appellant qiegħed jippretendi illi, peress kien hemm terminu u dan skada, allura mhux marbut, għaliex l-operazzjoni ġiet xjolta. Dan kien ikun veru kieku kien hemm żmien għall-konsenja tal-merkanzija u f'dak iż-żmien hekk stabbilit il-konsenja ma saretx; allura, skond il-liġi u l-ġurisprudenza f'materja kummerċjali, il-kumpratur għandu d-dritt jirrifjuta l-merkanzija. F'dan il-każ però, it-terminu, kif intqal iżjed 'il fuq, kien realment għad-"delivery", ċjoè meta l-merkanzija tkun lesta mill-fabbrikaturi li għalihom id-ditta attriċi kellha tirrispondi, u ma jirriżultax illi l-merkanzija ma kenitx lesta sa l-aħħar ta' April 1946. Iż-żmien l-ieħor għax-"shipment", kif intqal iżjed 'il fuq, ma kellux dak it-terminu hekk perentorju, peress illi d-ditta attriċi ma kienetx sejra tivvinkola ruħha għal ħaġa hekk inċerta bħal meta jkun hemm spazju disponibili għall-karikazzjoni. U anki kieku kien hekk, dak it-terminu qatt ma jista jiġi ekwiparat għat-terminu l-ieħor, li sar fil-każ tal-konsenja. Veru huwa illi meta l-karikazzjoni ssir F.O.B., kif irriteniet dina l-Qorti fil-11 ta Frar 1921 (Kollez. Vol. XXIV-I-1098) in re "Scicluna vs. Turnbull", il-venditur jiġi liberat mir-responsabilità meta jikkonsenja l-merkanzija lill-karikatur bħala mod definitiv; u kif huwa anki kostantement ritenut fil-ġurisprudenza, minn dak il-mument il-proprjetà u l-perikolu jgħaddu fuq ix-xerrej; iżda għall-fini ta' dik id-dispożizzjoni tax-xoljiment tal-bejgħ ma jistax jiġi applikat dan il-prinċipju f'każ bħal dan, ammenokkè ma jkunx hemm patt ċar u espliċitu illi l-karikazzjoni kellha ssir sa ġurnata determinata;

Tikkunsidra;

*Illi mbagħad jonqos il-fondament ġudiriku ta' dik id-dispożizzjoni.* Infatti peress illi l-liġi tiffavorixxi ċ-ċelerità f'ma-

terja ta' operazzjonijiet kummerċjali, għalhekk *tippresumi* illi l-kumpratur ikollu dannu jekk huwa jkun għamel terminu għall-konsenja, u f'dak iż-żmien il-konsenja ma saretx; għaliex huwa presumibili illi x-xerrej ikun ippjazza l-merkanzija tiegħu; u anki in difett dan seta' jispaċċjaha f'kondizzjonijiet aħjar. Iżda fil-kondizzjonijiet ta' "shipment" il-każ huwa divers; infatti għalkemm il-karikazzjoni ssir sa ċerta data, jista' jiġri, kif jirriżulta mill-atti li ġara, illi l-vapur ma telaqx qabel is-16 ta Mejju 1946, u għalhekk, għalkemm il-karikazzjoni kienet tkun saret sat-30 ta' April 1946, ma ġiex pruvat illi dik il-merkanzija setgħet telqet qabel is-16 ta' Mejju 1946. Minn dan jidher kemm huma differenti dawk iż-żewġ mumenti, il-konsenja effettiva tal-merkanzija minn banda u l-karikazzjoni fuq il-vapur min-naħa l-oħra; u għalhekk *mhux ġust illi* prinċipju regolanti dak il-mument tal-konsenja jista' jiġi estiż anki *għat-tieni mument, mingħajr ma jiġi pruvat illi almenu* kien hemm dannu effettiv minħabba n-nuqqas ta' karikazzjoni f'dak il-mument;

Tikkunsidra;

Illi rriżulta mill-provi illi l-karikazzjoni saret fis-7 ta' Mejju 1946, meta d-ditta attriċi sa dak il-mument ma rriżultax li kellha l-ebda disdetta da parti tal-konvenut. Dan infatti kkanċella l-ordni per mezz ta' ittra ta' l-istess data, 7 ta' Mejju 1946, illi skond il-pretensjoni tad-ditta attriċi waslet fis-16 ta' Mejju 1946 meta telaq il-vapur. Dan dik id-ditta tippretendili fid-dokument eżibit bin-nota tal-10 ta' Jannar........... huwa fatt illi sa dak in-nhar—ikun assunt li kien 9 jew 10 ta' Mejju —l-ordni ma kienetx ġiet kanċellata; u rriżulta illi l-karikazzjoni kienet saret fis-7 ta' Mejju meta "*rebus sic stantibus*" saret tajjeb; u allura l-proprjetà tal-merkanzija kienet għaddiet favur il-konvenut;

Għalhekk id-ditta attriċi sewwa aġiet meta aċċettat il-kanċellament ta' l-ordni għall-merkanzija li ma ġietx karikata u ma aċċettatx dik id-disdetta għall-merkanzija illi diġà kienet imgħobbija fuq il-vapur;

Tikkunsidra;

Illi l-appellant issottometta illi peress li l-vapur telaq fis-16 ta' Mejju 1946, kien hemm żmien biżżejjed biex il-merkan-

zija terġa' tinħatt minn fuq il-vapur. Apparti dan kienx possibili, peress illi huwa verosimili illi vapur ikollu merkanzija oħra, u forsi ma setax jaqla' din il-merkanzija, iżda anki kieku dan kien possibili, kif intqal iżjed 'l fuq, il-proprjetà dak il-mument kienet għaddiet favur il-konvenut, u allura d-ditta attriċi ma kienetx obligata tagħmel dan;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti sa fejn kompatibili;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenut nomine, u għalhekk tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu fit-23 ta' April 1948, bl-ispejjeż kontra l-appellant.